# KIF TELGĦET IL-KNISJA TAL-KUNĊIZZJONI

*Mons. Mattew Chircop*
*Arċipriet tal-Kattidral ta' Malta*

Jidhirli li hija ħaġa xierqa li din is-sena peress li taħbat is-sena gubiljari tal-fidda tal-parroċċa tal-Ħamrun ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, ngħid xi ħaġa fuqha biex lill-preżenti nagħtuhom tagħrif ħalli ma jinsewx lil dawk li telqu.

Il-parroċċa tal-Kunċizzjoni hija, biex ingħid hekk, bint il-parroċċa ta' San Gejtanu, bħalma huma dawk l-oħrajn tal-Marsa tas-Santissma Trinità u ta' Santa Venera. Dan jista' jwassal biex il-Parroċċa, omm ta' San Gejtanu tista' issir Arċipretali (darba tektikt lill-Arċisqof Gonzi u weġibni, "Nitolbok biex ma taqlagħlix inkwiet." u jien obdejtu.

Is-Sur Pawlu Burlò li mill-Belt ġie joqgħod hawn il-Ħamrun, tefa' żerriegħa f'nofs il-parroċċa tagħna li llum kibret f'siġra sabiħa u kbira. M'iniex ser noqgħod ngħid kemm ħadem dan Pawlu għall-Knisja tal-Kunċizzjoni li minnu taf twelidha u naturalment mas-saċerdoti li ħadmu miegħu biex bil-ftit 'il ftit minn taħt it-taraġ tad-dar ta' Pawlu Burlò saret knisja l-ġmiel tagħha.

Mela fis-sena 1957, wara ħafna kunċerti, taħbit u diffikultajiet (il-maħbub tiegħi Dun Edgar li ħadd ħliefi ma jaf kemm tħabat) irnexxielna nakkwistaw l-art fejn illum jinsab it-tempju ta' din il-parroċċa.

Kif akkwistajna din l-art ma nafx imnejn. Żgur li San Gejtanu indaħal hu. Flus u bini, il-parroċċa ta' San Gejtanu ma kelliex biex tagħmel tajjeb għax-xogħol ta' knisja, imma b'dana kollu dħalna għal dan il-piż b'ruħna u ġisimna u bdejna ngħinu lil xulxin Dun Edgar u jien, wieħed jiġbor u jagħmel lotteriji u jien minn naħa l-oħra. L-Arċisqof Gonzi ma naqasx li jagħti sehmu wkoll u l-knisja telgħet. Irrid ingħid ukoll, li mal-mewt ta' Dun Edgar Vella, inħoloq problema ġdida... mal-parroċċa li kelli fuq spalleja, ġiet din il-kwistjoni ukoll, imma bl-għajnuna tas-Sema sibt forċina f'Dun Ġużepp Mifsud Bonniċi li għalkemm saċerdot żagħżugħ (ċertament bija warajh) ma qatax qalbu... id-dejn tħallas... il-knisja tlestiet... għal ċerti kwistjonijiet sibna jgħina lil Dun Ġużepp Frendo... u bdejna niffunzjonaw kollox, għall-ewwel taħt il-knisja, imbagħad fuq talba tiegħi, saret viċi parroċċa.

Deherli, wara xi żmien li kienet tkun ħaġa tajba kieku kelli nissuġġerixxi li z-zona tal-Kunċizzjoni ssir parroċċa u darba f'konversazzjoni ma' Mons. Arċisqof Gonzi, li ta' spiss kien jistaqsini fuqha u li ta' sikwiet kien jiġi jagħti daqqa t'għajn, illanċjajt il-proposta. Mons. Arċisqof baqa' skantat u wieġibni, "Mur aħseb sewwa x'inti titlobni."

Dak iż-żmien il-Kappillan ta' parroċċa kien inamovibbli skond il-liġijiet tal-Knisja (ara C.J.C. 454).

Dan ifisser illi l-Isqof biex iċaqlaq Kappillan kien jeħtieġ jew li lill-Kappillan jgħaddih għal xi kariga aħjar jew ineħħih b'kastig.

*ikompli f'paġna 27*

Iżjed ukoll li biex jaqsam parroċċa fi tnejn kien ifisser li lill-Kappillan ser inaqqaslu mill-proventi tiegħu biex jeħodhom il-kappillan tal-parroċċa l-ġdida, għaldaqstant l-Isqof ma setax minn rajh jekk mhux bil-kunsens tal-kappillan eżistenti, jeħodlu biċċa mill-parroċċa tiegħu u jtiha lil ħaddieħor.

Dan kollu jien kont nafu u Mons. Arċisqof spjegahuli u jien, kontra kull meritu tiegħi, li qatt ma fittixt lili nnifsi imma dejjem il-ġid speċjalment spiritwali tal-parruċċani tiegħi, b'għajnejja miftuħa sostnejt it-talba tiegħi.

L-Arċisqof ikkuntentani. L-unika kondizzjoni li għamilt hi li l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida jkun Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, kif fir-realtà sar... u li d-Digriet joħroġ fl-ewwel tas-sena, jum il-*birthday* tiegħi.

Qed ngħid dan kollu biex flimkien niftakru li dik l-Omm Verġni li tat lil Gejtanu it-tarbija tagħha, hekk ukoll tat il-parroċċa l-oħra tal-Ħamrun lill-Ħamruniżi.




Għaldaqstant filwaqt li nifirħulhom li ġa għandhom 25 sena ta' ħidma, nħeġġiġhom dejjem biex iż-żewġ parroċċi jibqgħu magħqudin kif dejjem ftiehmna li nagħmlu, il-Kanonku Mifsud Bonnici u jien u kif baqa' jagħmel il-Kappillan preżenti ħabibi, Dun Wally.

Nifraħ minn qalbi liż-żewġ Kappillani li minn Knisja vojta, imlewha, libbsuha, sebbħuha u issa wkoll hemm iċ-ċans li jsejħu lil fidili bl-erba' qniepen ta' tonalità armonjoża li żanżnu f'dan il-ġublew tal-fidda tal-parroċċa żagħżugħa fiż-żmien imma matura fil-ħidma.